# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA
## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 852/12MH**

**Illum 20 ta' Mejju, 2016**

**Saviour Farrugia (ID 166967M)**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti:

## I. Preliminari

Rat **ir-rikors guramentat** prezentat mill-attur fis-27 t'Awissu 2012 fejn gie premess:

*"1. Illi r-rikorrent huwa mpjegat tal-Korporazzjoni ntimata;*

*2. Illi nhar it-13 ta' Settembru tas-sena 2010, fl-Enemalta Aviation Section, Luqa sehh incident li fih wegga r-rikorrent, liema ncident sehh waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu bhala haddiem mal-Korporazzjoni Enemalta;*

*3. Illi bhala konsegwenza diretta ta' dan l-incident ir-rikorrent sofra debilita' permanenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

*4. Illi wkoll konsegwenza ta' l-istess incident ir-rikorrent sofra danni ohra rapprezentanti f'telf ta' 'leave' u 'sick leave' stante li l-Korporazzjoni naqqsitlu mill-istess flok hargitu fuq l-'injury leave' kif kienet legalment obbligata Ii taghmel;*

*5. Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali hija unikament responsabbli l-Korporazzjoni ntimata u dan stante li naqset li tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

*6. Illi ghalkemm interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju 2012 (ara Dokument SF 1 anness), il-Korporazzjoni ntimata baqghet inadempjenti;*

*Ghaldaqstant tghid il-Korporazzjoni ntimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Korporazzjoni ntimata hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar it-13 ta' Settembru, 2010 fl-Enemalta Aviation Section, Luqa, f'liema ncident ir-rikorrent Saviour Farrugia sofra debilita' permanenti;*

*(2) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident, okkorrendo bin-nomina ta' Periti nominandi;*

*(3) Tikkundanna lill-Korporazzjoni ntimata thallas lir-rikorrent dik is-smma li tigi hekk liwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tal-Korporazzjoni ntimata in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata** tal-Korporazzjoni konvenuta prezentata fid-9 t'Ottubru 2012 li permezz taghha ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

(1) *Illi ma jezistix diverbju jew kontestazzjoni fuq il-fatt illi l-attur kien impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta u fit-13 ta' Settembru 2010, huwa kien involut f'incident fejn wegga idu x-xellugija liema ncident sehh fuq il-post tax-xoghol u fil-hin tax-xoghol u li dan l-incident gara meta l-attur kien hiereg mill-kabina ta' Bowser P31 fil-Fuel Bowsers Parking Area fejn zelaq u waqa' fuq idejh;*

(2) *Illi l-Korporazzjoni mhijiex responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur u l-fatt illi l-attur wegga' fuq il-post tax-xoghol ma jfissirx awtomatikament illi l-Korporazzjoni Enemalta hija responsabbli minhabba li naqset li tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni u fil-fatt mill-investigazzjonijiet dettaljati li saru ma rrizultax, bl-ebda mod, illi l-eccipjenti kienet negligenti jew imprudenti li tipprovdi ambjent sikur u minghajr periklu lil impjegat Saviour Farrugia;*

(3) *Illi l-Korporazzjoni Enemalta m'ghandha l-ebda tort fl-incident in kwistjoni li gara unikament minhabba negligenza u nuqqas ta' prevvigenza da parte tal-attur;*

(4) *Illi kif jidher mill-Accident Investigation Report datat 22 t'Ottubru 2010 (anness u mmarkat bhala Dok KE 1), is-socjeta' konvenuta pprovdiet it-tghamir u safety equipment mehtieg b'mod partikolari u specifiku ghax-xoghol li kien qed isir u sabiex tassigura li x-xoghol isir bl-ahjar mod u minghajr periklu u dan juri bic-car illi l-Korporazzjoni qatt ma naqset li tiehu dawk il-mizuri kollha biex tipprovdi kundizzjoniijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu u l-Korporazzjoni ghamlet minn kollox biex tipprovdi post tax-xoghol li ma kienx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiem, skont il-ligi;*

(5) *Illi l-Korporazzjoni Enemalta tara illi l-impjegati taghha huma mgharrfa sew fil-proceduri tajba biex ix-xoghol ikun jista' jsir bla periklu u, tant hu hekk, li skont istess Investigation Report, il-Korporazzjoni pprovdiet safety equipment adegwat u addottat il-mizuri kollha idoneji biex tittutela lill-impjegati taghha dwar kif ghandu jitlibbes u jintuza dan is-safety equipment sabiex kull impjegat ikun prudenti dwar il-prekawzjonijiet li ghandu jadopera;*

(6) *Illi l-Korporazzjoni ma tahti bl-ebda mod fil-konfront tad-debilita' li sofra l-attur peress illi l-Korporazzjoni hadet il-prekawzjonijiet kollha*

*rikjesti fil-ligi u skont is-sengha u ghal dan il-ghan tipprovdi l-facilitajiet u ghodod necessarji sabiex, jekk kien hemm xi nuqqas fl-incident in kwistjoni, dan ma kienx la tort tal-Korporazzjoni u anqas tad-dirigenti taghha u ghalhekk kull nuqqas jew negligenza li jista' jirrizulta ghandu jwiegeb ghaliha direttament min, jekk ikun il-kaz, jirrizulta li naqas jew kien negligenti u konsegwentement il-Korporazzjoni ma hija responsabbli ghal ebda danni sofferti mill-attur;*

*(7) Illi skont John Schiavone u Simon Borg, zewg haddiema mal-Korporazzjoni Enemalta li kienu fuq il-post fil-hin tal-incident (rapport anness u mmarkat bhala Dok KE 2) irraportaw lil Superjur dirett taghhom u cioe' lil Albert Cassar u dan in linea mal-Injury Procedure adottata mill-Korporazzjoni, li l-impjegat Saviour Farrugia ma weggax minhabba xi problema fil-makkinarju jew negligenza tal-Korporazzjoni u ghalhekk il-Korporazzjoni ma naqsitx bl-ebda mod milli tipprovdi dak li komunement hu msejjah "a safe system of work" izda l-incident de quo kien wiehed fejn l-attur sempliciment zelaq u ma qghadx attent illi juza d-diligenza necessarja fuq il-post tax-xoghol;*

*(8) Illi skont l-istess Investigation Report, kienu l-ufficjali tal-Health and Safety stess li kkonkludew illi, wara l-investigazzjonijiet necessarji, l-Enemalta qatt ma naqset milli tipprovdi post tax-xoghol sikur ghall-impjegati taghha u ghalhekk ma kellha l-ebda responsabilita' ta' l-incident in kwistjoni;*

*(9) Illi mir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' Leave Specjali (LS 452.101) huwa car illi d-definizzjoni ta' "injury leave" specifikament tiddeskrivi "injury leave" bhala konsegwenza ta' att li ma jkunx ir-rizultat ta' traskuragni kontributorja u a bazi ta' dan l-injury leave ma jistax jitqies bhala dritt awtomatiku meta mpjegat iwegga fuq il-post tax-xoghol u fil-fatt Saviour Farrugia kien avzat illi l-korriment ma giex accettat bhala wiehed li jaqa' taht id-definizzjoni ta' injury leave;*

*(10) Illi f'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita' ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-fatt li l-impjegat zelaq fuq il-post tax-xoghol ma jissodisfawx dawn l-elementi u m'hemmx ness tal-kawzalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza u dan il-principju huwa wkoll ritenut fl-anness estratt tal-Public Service Management Code (mmarkat bhala Dok KE 3):-*

*"the fact that the injury arises in the course of one's employment does not necessarily imply that the cause of such injury is specifically attributable to the nature of one's duties. The two conditions are different. For an injury to be specifically attributable to the nature of one's duties, it is necessary that there should be a direct relation of cause and effect between the specific nature of one's duty and the injury. This is not normally the case for example where an employee slips in the course of employment, and suffers an injury, because slipping is not directly related to the specific nature of the employee's duties."*

*(11) Illi l-attur kien infurmat illi l-korriment m'ammontax ghal "injury leave" u ghalhekk it-talba ta' Beneficcju ghall-Korriment giet respinta u l-perjodu li ghamel barra gie meqjus bhala 'sick leave' (annessa ittra mmarkata bhala Dok KE 4);*

*(12) Illi l-Korporazzjoni Enemalta rrispondiet l-ittra ufficjali biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Lulju 2012 (ittra annessa u mmarkata bhala Dok KE 5);*

*Ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta kif debitament rapprezentata fuq dan l-att titlob bir-rispett tiddikjara:*

1. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-Korporazzjoni ma tahti bl-ebda kod ghall-incident indikat mill-attur u konsegwentement ma hija responsabbli ghal ebda danni konsegwenzjali li seta' sofra l-attur, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna,*

2. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Korporazzjoni konvenuta.

Rat id-dokumenti annessi mar-risposta guramentata.

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u d-dokumenti esibiti minnhom.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku mqabbad mill-Qorti, Mr. Massimo Abela, tas-26 t'Ottubru 2012[1] kif ukoll ir-rapport tal-periti perizjuri Mr. Ray Gatt, Mr. Jason Zammit u Mr. Charles Grixti datat 3 t'Ottubru 2013[2].

[1] Fol 79

Rat in-Nota li permezz taghha l-attur ikkwantifika d-danni sofferti minnu kawza tal-incident in kwistjoni[3].

Rat l-atti l-ohra kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Rat id-digriet tal-5 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza finali.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. Sintezi tal-provi

Xehed **l-attur Saviour Farrugia** permezz ta' affidavit[4] – Huwa jahdem bhala *aviation tradesman* gewwa t-taqsima tal-avjazzjoni tal-Enemalta f'Hal Luqa. L-incident mertu tal-kawza odjerna sehh fit-13 ta' Settembru, 2010. Huwa kien qieghed fuq il-post tax-xoghol jaqla' xi tapezzerija ta' trakk fuq in-naha tax-xufier skont struzzjonijiet li nghata mis-superjur tieghu. It-trakk kien ipparkjat. Jiddeskrivi l-ghamla tat-*truck* bhala li hija gholja tant li wiehed irid l-ewwel jitla' fuq staffa li hi parti mit-trakk u mbaghad jitla' fuq zewg staffi ohra li huma fissi biex jidhol fil-kabina. Fih ukoll zewg handles – wiehed fiss mal-kabina u l-iehor jintuza biex tinfetah jew tinghalaq il-bieba tal-kabina minnu. Wara li l-attur lesta mill-bicca xoghol huwa ried jinzel lura. Huwa qal ukoll li z-zarbun ikun imcappas bil-pitrolju u biz-zejt li jkun hemm fil-garaxx filwaqt li l-istaffa tat-trakkijiet antiki kienet giet qisha *polished* bl-uzu u l-*wear and tear* u ghalhekk tigi tizloq aktar milli meta tkun ghadha f'kundizzjoni tajba ghaliex tigi fit-tond. L-istaffa tan-naha tal-passiggier kienet f'kundizzjoni ahjar ghax tintuza anqas. Huwa spicca zelaq. Ma kellux *handle* ma xiex jaqbad peress li ftit qabel kien qalghu biex ikun jista' jaqla' t-tapezzerija. Malli zelaq, u sabiex huwa ma jkomplix jinzel ghal isfel (gholi ta' madwar metru jew metru u nofs) iggebbed b'idu x-xellugija biex jaqbad mal-bieba tal-kabina li kienet miftuha u kellha l-hgiega mnizzla. F'dak il-mument hass gibda f'idu x-xellugija u ftit wara giet blu. Irnexxielu jinzel minn fuq it-trakk, avza lis-superjuri tieghu u ntbaghat ghall-kura gewwa l-poliklinika. L-incident sehh fil-prezenza ta' kollega tieghu, certu John Schiavone. L-attur qal ukoll li fl-*area* li jahdmu fiha ikun hemm zejt u pitrolju kontinwament u ghalhekk necessarjament ikun hemm *spillage* mal-art. Dakinhar tal-incident huwa kien liebes is-*safety shoes* provdut

---

[2] Fol 178
[3] Fol 85
[4] Fol 41 et seq

mill-Korporazzjoni konvenuta u ma kien hemm hadd jaghmel supervizjoni fuqhom. Huwa xehed ukoll dwar l-effetti li kellha fuqu dik il-waqa' u l-kura li nghata. Mr Joseph N. Borg, *Consultant Trauma and Orthopaedic Surgeon*, iccertifika li kawza ta' dan l-incident huwa sofra dizabilita` permanenti ta' 4%. Huwa dam barra mix-xoghol madwar xahrejn[5] u l-Korporazzjoni Enemalta ma qisitx dan il-perjodu bhala *injury leave* izda bhala *sick-leave*.

In **kontro-ezami[6]**, l-attur qal li huwa kien ilu jokkupa l-kariga ta' aviation *tradesman* sa mill-1998. Ix-xoghol li kien ghamel dakinhar tal-incident, u cioe` ta' qlugh ta' tapezzerija mit-trakk, kien familjari mieghu ghax gieli ghamlu drabi ohra. Ikkonferma li huwa kien jilbes l-apparat li jtuhom ix-xoghol inkluz is-*safety shoes*. Jghdi lis-*safety shoes* zgur ma kienx imqatta'. Ikkonferma ukoll illi kien ra lil handles tat-truck ma kienux imwahhlin u li qabel ma qalaghhom hu zgur li kienu f'posthom. Ikkonferma illi huwa kien inghata tahrig dwar sahha u sigurta' mill-Enemalta pero' ma ftakarx jekk kinitx darba jew darbtejn. Jghid ukoll li dana kien fuq bazi ta' "*introduct course".* Fl-epoka li xehed in kontro-ezami huwa ma kienx ghadu jahdem fis-sezzjoni tal-avjazzjoni izda kien gie trasferit u kien qieghed jaghmel xoghol ta' *assistant surveillance officer*.

Xehed **Simon Borg**, *aviation tradesman*, permezz ta' affidavit[7] - dakinhar tal-incident huwa kien qieghed jahdem fi trakk li kien ipparkjat hdejn dak li kien qieghed jahdem fuqu l-attur. Huwa kkonferma li t-trakk li kien qieghed jahdem fuqu l-attur kien ta' ghamla gholja ghax anke hu gieli kien hadem fuqu. Kemm ix-xhud kif ukoll l-attur u l-impjegat l-iehor John Schiavone kienu lebsin is-*safety shoes* provduti mill-Korporazzjoni konvenuta. F'hin minnhom ix-xhud sema' lill-attur jghajjat 'ajma' u rah imdendel mal-bieba tat-trakk. Kif ra hekk huwa nizel mit-trakk li kien qieghed jahdem fuqu biex imur jassisti lill-attur imma sakemm wasal hdejh dan kien lahaq nizel. L-attur beda mill-ewwel jilmenta minn ugiegh kbir f'idu u qallu li hass xi haga li ngibdet jew inqatghet. Sar rapport lis-superjuri taghhom dwar l-incident. Jaf li l-attur intbaghat ghall-kura izda huwa ma marx mieghu u kompla b'xogholu. Ix-xhud jghid li wara dan l-incident l-attur, anke vizwalment, jidher li ma regax gie kif kien qabel.

Xehdet **Marlene Farrugia**, mart l-attur permezz ta' affidavit[8] - hija ma kenitx prezenti dakinhar li sehh l-incident izda qalet li qabel zewgha qatt ma kien sofra ugiegh f'idejh jew spalltu. Minn wara l-incident l-attur kien jipprova jghatti jdejh kemm jista' peress li l-muskolu tal-id tela' aktar 'il fuq. Lanqas bahar ma baqa' jmur ghaliex huwa konxju mid-dehra ta' jdejh.

---

[5] L-attur kien meqjus tajjeb biex jirritorna ghax-xoghol b'effett mit-8 ta' Novembru 2010 – certifikat mediku a fol 51
[6] Fol 149
[7] Fol 74
[8] Fol 75

Xehed **John Schiavone**, *aviation tradesman*, permezz ta' affidavit[9] - dakinhar tal-incident huwa kien qieghed jahdem mal-attur fuq l-istess trakk pero` filwaqt li l-attur kien qieghed jahdem fil-kabina huwa kien qieghed isfel. Xehed li t-trakk li kienu qeghdin jahdmu fuqu kien ta' ghamla gholja. Kemm hu u kemm l-attur kienu lebsin is-*safety shoes* provdut mill-Korporazzjoni Enemalta. Wara li l-attur zarma t-tapezzerija, huwa newwel l-ghodda li kien uza lix-xhud u huwa u niezel minn fuq it-trakk zelaq. Beda jghajjat 'ajma' u spicca mdendel mal-bieba tat-trakk. Ma kienx hemm *handle* ma fejn izomm peress li kien ghadu kif inqala' bhala parti mix-xoghol li kellhom jaghmlu. L-attur nizel minn fuq it-trakk u qal li kien qiegehd ihoss ugiegh kbir f'idu. Sar rapport lis-superjuri taghhom dwar l-incident. Jaf li l-attur intbaghat ghall-kura izda huwa ma marx mieghu u kompla b'xogholu. Ix-xhud jghid li wara dan l-incident l-attur, anke vizwalment, jidher li ma regax gie kif kien qabel.

Xehed **Charles Micallef**, rapprezentant tal-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol[10] - L-Awtorita` msemmija giet notifikata b'dan l-incident fis-16 ta' Settembru 2010 tramite l-Korporazzjoni konvenuta. Huma gew infurmati li l-impjegat kien zelaq mal-art u habat ma' *bowser* u minhabba f'hekk kien sofra xi tfekkik jew inkella strapazzar fuq in-naha ta' drieghu u l-minkeb tieghu. Izda dan ix-xhud ma kellu ebda nformazzjoni ohra dwar id-dinamika tal-incident *per se*. Esebixxa ukoll kopja tar-rapport tga' korriment, Dok MC1.[11]

Xehed **Manuel Magro**, *Health and Safety Enforcement Officer* bejn l-1997 u l-2011 permezz ta' affidavit[12] - Bhala parti mir-rwol tieghu huwa kien kuljum jassigura u jara li r-regoli tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol kienu qed jigu mplimentati kemm min-naha tal-Enemalta kif ukoll minn naha tal-impjegat. Jghid li l-Enemalta spiss torganizza stharrig ta' kull tip dwar in-necessita` li l-post tax-xoghol ikun sikur kemm jista' jkun. Minn stharrig li kien sar fuq il-post minnu u minn kollegi ohra tieghu huwa kkonferma li t-trakk li l-attur kien qieghed jahdem fuqu ma kellu ebda nuqqas jew difett li seta' wassal biex isehh l-incident in kwistjoni.

Ix-xhieda ta' Manuel Magro giet konfermata minn **Jesmond Agius**[13] li wkoll kien H*ealth and Safety Enforcement Officer* u li flimkien ma' Magro kien hejja l-*Accident Investigation Report* esibit in atti[14].

---

[9] Fol 76
[10] Fol 134 et seq
[11] Fol 136
[12] Fol 152
[13] Affidavit a fol 157
[14] Fol 155 et seq

Xehed ukoll **Simon Fabri**[15], Kap tas-Sahha u s-Sigurta` mal-Korporazzjoni Enemalta. Dwar is-*safety shoes* huwa qal li bhala regola generali dejjem tohrog tender bl-*ispecifications* peress li jkun hemm kwantita` kbira ta' haddiema li jkollhom bzonnhom. Dan jghodd mhux biss ghal *safety shoes* izda ghall-apparat kollu. L-*ispecifications* li taghmel il-Korporazzjoni konvenuta huma skont l-i*standards* tal-Unjoni Ewropea u t-tender jinghata lil min jipprovdi l-ahjar zarbun li jissodisfa dawn il-kriterji. Il-Korporazzjoni ghandha wkoll Centru ta' Tahrig u fih jinghata tahrig lil kull impjega dwar it-taghmir ghas-sahha u s-sigurta' li jkollu bzonn jilbes. Jekk ikun hemm ilment dwar is-*safety shoes* jew xi apparat iehor huma jindirizzaw l-ilment skont il-kaz partikolari. Ix-xhud ma kienx konsapevoli ta' xi lment partikolari mressaq mill-attur.

In **kontro-ezami** x-xhud insista li l-i*specification*s tas-safety shoes ma nbidlux wara l-incident li kellu l-attur biex saru *oil and fuel resistant* ghaliex dawn minn dejjem kienu *oil and fuel resistant*.

Xehed **Albert Cassar**, Supretendent tal-Avjazzjoni fl-Enemalta[16] li spjega l-procedura amministrattiva li tigi segwita meta impjegat iwegga' waqt il-hin tax-xoghol. Dwar *safety shoes* huwa spjega li jekk impjegat jitqattaghlu dan iz-zarbun jew ikollu xi diffikulta` ohra bih, timtela formola appozita, iz-zarbun jigi ccekkjat u jekk ikun il-kaz, jigi mibdul. Jekk impjegat ikollu xi lment dwar xi apparat, dan l-ilment jigi registrat f'*file* apposta. Ma jirrizulta ebda lment registrat mill-attur Saviour Farrugia fuq is-*safety shoes*. Dwar it-trakk li fuqu kien hadem l-attur meta sehh l-incident huwa spjega li dan ghandu zewg *handles*, wiehed fuq ix-xellug u wiehed fuq il-lemin. Imbaghad fih l-istafef u wahda *extension* qeghda taht. Zid li biex titla wiehed ma ridx jaqbad idejh mal-istaffa; tixhet saqajk fuq l-*extension* u titla' wahda wahda.

In **kontro-ezami** x-xhud qal li huwa minnu li kien hemm tip ta' *policy* da parti tal-Korporazzjoni li *safety shoes* ma jinbidilx qabel sena minn meta jkun inghata, imma dan ma jghoddx meta dan iz-zarbun ikun ezempju tqatta' qabel. Kull meta s-*safety shoes* tqatta' dejjem inbidel. Huwa kkonferma li bhala mudell (*shape*) tas-*safety shoes* dan kien inbidel wara l-incident tal-attur izda dwar l-*ispecifications* huwa ried jikkonferma mal-kuntrattur. Huwa qal li suppost is-*safety shoes* li kien liebes l-attur dakinhar tal-incident kienu *oil and fuel resistant*. F'seduta sussegwenti[17] ix-xhud esebixxa dokument bl-informazzjoni dwar l-*ispecifications* tas-safety shoes moghtija mill-kuntrattur. Insista wkoll lis-*supplier* taz-Zraben cioe` *safety shoes,* is-SWIGA, dejjem zammet l-istess *specifications*. Esebixxa d-dokument AC1, li juri *t-technical data* mehtiega ghaz-zraben in kwistjoni. Huwa ta wkoll id-dati ta' meta l-attur

[15] Fol 166 et seq
[16] Fol 170 et seq
[17] Fol 183 et seq

inghata *safety shoes*: 20 t'Ottubru 2009, 11 ta' Novembru 2010, 9 t'Awissu 2012, 8 t'Ottubru 2012 u 24 ta' Settembru 2013. Ix-xhud baqa' jinsisti li s-*safety shoes* li kienu jinghataw lill-impjegati kemm qabel kif ukoll wara l-incident tal-attur kellhom l-istess *specifications* li ma nbidlux. Zied ukoll lil kuntratt u l-*ispecifications* rigwardanti s-*safety shoes* kienu jarawh l-ufficjali tas-*safety* apoziti.

Ir-rapport ta' **Mr. Joseph N. Borg**[18], *Consultant Trauma and Orthopaedic Surgeon*, imqabbad *ex parte* mill-attur jghid li fid-data tal-ezami, 6 ta' Gunju 2012 l-ugigh u l-moviment tad-driegh kien ra titjib sostanzjali imma n-nuqqas ta' simetrija bejn iz-zewg idejn baqghet vizibbli. Ghalkemm il-pazjent kien irritorna lura ghax-xoghol, certi attivitajiet bhal-irfiegh tal-*pipe* tal-*fuel* kien isibhom difficli. Ma kellu ebda diffikulta` pero` f'xi movimenti partikolari. Il-konkluzjoni medika kienet li l-attur sofra *biceps tendon rupture*. Ma kien hemm ebda htiega ta' xi ntervent kirurgiku pero`. Il-konsulent qal ukoll li *"The tendon he ruptured works to flex and pronate the forearm and he has power limitation in both these functions albeit very minimal in flexion*." Il-konsulent ikkonkluda li l-attur sofra minn dizabilita` permanenti ta' 4%.

Ir-rapport tal-Perit Mediku mqabbad mill-Qorti, il-konsulent fl-ortopedija, **Mr. Massimo Abela**[19] - L-ezami tal-attur sar fis-26 t'Ottubru 2012 u sa dakinhar l-attur qal li kien ghadu jhoss ugiegh intermittenti fil-minkeb tax-xellug, l-aktar wara attivitajiet ta' strapazz. Ihoss ukoll djufija fil-minkeb tax-xellug u ma jiflahx jerfa' daqs kemm jiflah bid-driegh tal-lemin. Hemm deformita` ovvja ftit 'il fuq mil-minkeb tax-xellug. Din tirrizulta minn ticrita fl-gherq t'isfel tal-muskolu *biceps* li jispicca jingibed 'il fuq. Il-movimenti fil-gogi kollha tad-driegh normali. Hemm nuqqas ta' sahha ta' flessjoni fil-minkeb tax-xellug ta' circa 10%, u nuqqas ta' sahha ta' supinazzjoni ta' circa 20%. L-ezami newrologiku hu normali. Ir-rata ta' dizabilita` moghtija minn dan l-espert hija ta' 4%.

Ir-**rapport tal-periti perizjuri** mqabbda mill-Qorti fuq talba tal-Korporazzjoni konvenuta[20] - Id-data tal-perizja hija 3 t'Ottubru 2013. L-attur qalilhom li gieli jhoss nuqqas ta' sahha fil-minkeb tax-xellug specjalment meta jkollu jerfa' pizijiet tqal. Kien jattendi l-*gym* qabel l-incident izda wara waqaf. Jinnega li qatt kellu problema qabel fid-driegh tax-xellug. Gie nnutat nuqqas ovvju fil-volum tal-muskolu *biceps*. Kemm l-ispalla tax-xellug u dik tal-lemin, kif ukoll il-minkeb u l-id tax-xellug kellhom movement shih minghajr ugiegh. Instabet sensazzjoni soggettivament ridotta fid-driegh t'isfel. L-esperti medici kkonkludew li d-danni residwali sofferti mill-attur kawza tal-incident in

[18] Fol 6 et seq
[19] Fol 79
[20] Fol 178

kwistjoni huma maggorment kosmetici rizultat ta' asimetriji bejn dirajh tax-xellug imqabbel ma' tal-lemin. Id-dizabilita` permanenti giet stmata ghal 1%.

Giet presentata wkoll **Nota bi kwantifikazzjoni tad-danni sofferti mill-attur**[21] - L-attur ikkwantifika d-danni sofferti minnu in kwantu ghal mitejn u tnejn u tmenin Ewro u hamsin centezmu (Eur282.50) bhala *damnum emergens* u in kwantu ghal tlettax-il elf sitt mija u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu (€13,670.14) bhala *lucrum cessans*. Total ta' danni sofferti: tlettax-il elf disa' mija u tnejn u hamsin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€13,952.64).

Gew esibiti provi ohra dokumentarji fosthom kopji ta' rapporti u investigazzjonijiet interni li saru in segwitu ghall-incident li fih wegga' l-attur, kif ukoll certifikati medici u estratt mill-fajl mediku tal-attur fl-isptar Mater Dei. Il-Qorti se taghmel referenza fi stadu ulterjuri ghal xi whud minnhom.

## III. Konsiderazzjonijiet

### *i. Dinamika tal-incident*

Minn dak li rrizulta mill-provi, ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwar il-mod kif sehh l-incident tal-attur *per se* anke ghaliex dan gie korroborat b'mod konsistenti kemm mill-attur izda wkoll mill-kollegi tieghu tax-xoghol li kienu fil-vicinanzi fil-mument li huwa wegga'. Gie pruvat fil-fatt li nhar it-13 ta' Settembru 2010, l-attur, *aviation tradesman*, kien gie mqabbad mis-superjur tieghu biex jaqla' t-tapezzerija minn fuq trakk tal-Korporazzjoni. It-trakk kien ipparkjat u kellu ghamla ftit gholja. Wara li lesta din il-bicca xoghol huwa gie biex jinzel lura izda zelaq, u biex ma jkomplix niezel ghal isfel iggebbed b'idu x-xellugija biex jaqbad mal-bieba miftuha tat-trakk peress li l-*handles* kien qalaghhom huwa stess bhala parti mix-xoghol li kien ghadu kif wettaq. Ma din il-manuvra huwa hass gibda f'idu x-xellugija, ugiegh kbir u idu giet blu. Gie nfurmat l-*employer* tieghu b'dan l-incident u ntbaghat ghall-kura gewwa l-poliklinika. Huwa ghamel *circa* xahrejn barra mix-xoghol. Dana kien barra mix-xoghol ghal dan iz-zmien fuq *leave* u *sick leave.*

Gie stabbilit mill-esperti medici li l-attur sofra minn ticrita fl-gherq ta' isfel tal-muskolu *biceps* b'riduzzjoni fis-sahha ta' flessjoni tal-minkeb tax-xellug u

[21] Fol 85

soggettivament fis-sensazzjoni fid-driegh t'isfel. Kosmetikament irrizultat ukoll asimetrija bejn dirghajh tax-xellug meta mqabbel ma' dak tal-lemin. Hemm nuqqas ta' qbil izda bejn l-esperti medici dwar il-persentagg ta' dizabilita` permanenti sofferta mill-attur. L-espert *ex parte* u dak imqabbad mill-Qorti t-tnejn jghidu 4% izda l-periti perizjuri jghidu 1%.

*ii. Ir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni*

L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

*"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

L-attur jattribwixxi t-tort tal-incident lill-Korporazzjoni konvenuta peress li fil-fehma tieghu hija naqset milli tiggarantixxi s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol meta ma haditx dawk il-prekawzjonijiet u mizuri necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni. L-attur ghalhekk qieghed jitlob ir-risarciment tad-danni minghand l-*employer* tieghu, liema danni ghandhom ikopru mhux biss dawk fizici kawzati mill-incident izda wkoll telf iehor fosthom telf ta' *leave* u *sick leave*.

Il-Korporazzjoni Enemalta min-naha l-ohra ma tinnegax li fit-13 ta' Settembru 2010 l-attur wegga' waqt li kien qieghed ghax-xoghol, izda tikkontesta fermement kwalunkwe responsabbilta` ghall-akkadut. Hija tinsisti li kienet hadet il-prekawzjonijiet kollha skont il-ligi u skont is-sengha sabiex tipprovdi lill-impjegati taghha bil-facilitajiet u ghodod kollha necessarji, kif ukoll b'tahrig appositu. Ghalhekk fil-fehma taghha l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur stante negligenza u nuqqas ta' attenzjoni da parti tieghu.

In tema legali, l-obbligu ta' min ihaddem huwa dak li jiggarantixxi ambjent sikur ghas-sahha u s-sigurta` tal-impjegati tieghu kif ukoll li jforni lill-impjegati tieghu bil-mezzi kollha u bl-apparat necessarju ghal dan il-ghan.

L-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol (Kap

424 tal-Ligijiet ta' Malta) jistabilixxi d-dmirijiet ta' min ihaddem fl-artikolu 6 tieghu:

***"6.** (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
*(a) li jiġi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-*

*sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*

*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

L-Avviz Legali 36 tal-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol" ikompli hekk -

**4.** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol.*
*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*
*(3) Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg:*
*Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurtà mehtiega fuq il-post tax-xoghol:*
*Izda wkoll, bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda*

*biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu.*

***5.** Minghajr hsara ghall-generalità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment –*
*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà;*
*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;*
*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha."*

Il-haddiem izda m'huwhiex mehlus mir-responsabbilta' u l-istess Att jipprovdi hekk dwar id-dmirijiet tal-haddiema -

***7.** (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*
*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

L-Avviz Legali 36 tal-2003 imsemmi jkompli hekk:

*"15. (1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-taghrif u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*
*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li:*

*(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;*
*(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu;*
*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*
*(d) jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni;*
*(e) jikkopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;*
*(f) jikkopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività taghhom."*

Fil-kuntest tal-kaz odjern, fost ir-responsabiltajiet imqeghda fuq il-haddiema li jahdmu fit-Taqsima tal-*Petroleum* fis-Sezzjoni tal-Avjazzjoni fl-Enemalta, fosthom ghalhekk l-attur, kien hemm li l-haddiema huma obbligati *"To work in a safe and efficient manner paying attention to the maintenance of appropriate health and safety standards in the garage facilities in order to prevent accidents*[22]*."*

Il-principji legali appena citati gew ripetutament riaffermati mill-Qrati taghna. Il-kaz fl-ismijiet **Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd** et deciz fis-26 ta' Gunju 2014[23] jigbor fih sintezi ta' gurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min ihaddem u anke tal-haddiema:

---

[22] Fol 163
[23] Cit Nru 1591/2000 Prim Awla tal-Qorti Civili

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet "***John Sultana vs Francis Spiteri et noe***", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

*Gie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi" - "***Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et***" (Citazzjoni numru 11/92DS).*

*Inoltre, gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu.*

*Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet* **"Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et"** *- deciza fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li "tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun sehh". Kompliet "Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."*

*Fil-kaz citat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu.*

*Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet* **"Bugeja vs Montanaro Gauci"** *- deciza 14 ta' Mejju 2004, "huwa daqstant*

*importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

*Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha lhaddiema u li hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara **"Grech vs Farrugia"**, deciza mill-Onorabbli Qorti talAppell fis-7 ta' Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza **"Borg vs Wells"** (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara **"Sciriha vs O'Flaherty noe"**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).*

Dwar il-provi li jridu jingiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-kaz **Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited** deciza fid-29 ta' Settembru 2011[24] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli*

[24] Cit Nru 2118/1998 Prim Awla tal-Qorti Civili (mhux appellata)

*ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta'*

*madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

Dawn il-principji gew ukoll ripetuti fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuel Spiteri vs G.S.C. Limited** deciza fil 5 ta' Ottubru, 2010: P.A. 671/1997/1 JRM

*"Illi l-Qorti tibda biex tghid li fejn jidhol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wiehed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta` ta' dik il-grajja xorta wahda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtiega li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-ahjar mod li titlob il-ligi. Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li sehh dak l-incident u li min-naha taghha (jew l-awtur taghha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;*

*Illi,madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli specjali dwar dak li jsehh meta ħaddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bit-tħaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwiegeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija ghal incident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun fl-widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh;"*
(Ara ukoll App.Civ fl-ismijiet **Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd** deciza fid-9 ta' Jannar, 2009)

Maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti sejra tapplika dawn il-principji ghall-fattispecje tal-kaz in ezami:

Mill-assjem tal-provi mressqa mill-attur huwa jattribwixxi l-kawza tal-incident ghal diversi fatturi kombinati flimkien. L-ewwel fattur li jilmenta dwaru huwa li s-*safety shoes* moghti lill-haddiema mill-Korporazzjoni konvenuta "*ikun imcappas bil-pitrolju u biz-zejt li jkun hemm fil-garaxx*[25]". Jghid ukoll li "*ahna nahdmu f'area kontinwament fejn ikun hemm iz-zejt u pitrolju u ghalhekk necessarjament ikun hemm spillage mal-art*[26]." Dawn il-fatturi huwa jghid ikkontribwew biex huwa zelaq u garrab l-*injury* f'idejh.

L-attur jaghmel dawn l-asserzjoni bhal li kieku huma xi stat ta' fatt izda jirrizulta li dawn huma biss kongetturi generici u mill-provi kollha mressqa minnu ma tirrizulta ebda hjiel ta' prova li tikkorrobora dan li huwa qieghed jallega partikolarment ghall-gurnata partikolari u l-hin li fih sehh l-incident. Huwa la gab prova (imqar permezz ta' ritratti jew provi ohra) li dakinhar tal-incident l-*area* fejn kien qieghed jahdem kien hemm xi ammont ta' zejt u pitrolju li seta' jesponi lill-impjegati ghal riskju ta' zliq u wisq inqas li fil-hin tal-incident is-*safety shoes* tieghu kien effettivament imcappas b'xi zejt jew pitrolju. Huwa sinifikanti wkoll kif il-kollegi tax-xoghol tieghu li kienu prezenti waqt il-hin tal-incident u li xehdu dwar x'sehh fil-hin tal-incident u wara, cioe` Simon Borg u John Schiavone, hadd minnhom ma jsemmi xejn dwar zejt u pitrolju mal-art jew maz-zarbun tal-attur. Kien ghalhekk jinkombi b'mod aktar rigoruz fuq l-attur li jikkonvinci lil din il-Qorti almenu sal-grad rikjest mill-ligi li dak li kien qieghed jallega effettivament sehh. Invece ma' dan kollu ma rrizulta xejn.

L-attur ikompli jilmenta li fattur iehor li kkontribwixxa ghall-incident kien li l-istaffa tat-trakk antik li kien qieghed jahdem fuqu *"spiccat giet qisha polished bl-uzu u l-wear and tear u ghalhekk din tizloq hafna aktar minn meta tkun ghadha f'kundizzjoni tajba ghaliex tigi fit-tond. Tant hu hekk, li l-istaffa tan-naha l-ohra tal-kabina (jigifieri n-naha tal-passiggier) hija vizwalment*

[25] Affidavit tal-attur a fol 41
[26] Affidavit tal-attur a fol 42

*differenti hafna mill-istaffa tan-naha tax-xufier (fejn kont jien) ghaliex din hija l-aktar staffa li tintuza u ghalhekk ghandha hafna aktar wear and tear mill-istaffa l-ohra (cioe` dik tal-passiggier).”*

Izda ghal darb’ohra l-Qorti tinnota li prova li tikkorrobora dawn l-allegazzjonijiet ma ngabitx mill-attur. Tenut kont li l-attur qieghed iserrah it-tezi tieghu fuq dawn l-allegati nuqqasijiet li jolqtu s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol huwa kellu almenu juri b’ritratti jew modi ohra almenu l-kundizzjoni tal-istaffa li zelaq minn fuqha. Dan kellu jkun ezercizzju facli ghall-attur specjalment meta hu qed jinsinwa li vizwalment id-dehra tal-istaffa tan-naha tieghu kienet tidher fi stat aghar minn dik tan-naha tal-passiggier. Minn dan m’ghamel xejn u ppretenda li b’semplici asserzjoni dawn l-allegazzjonijiet kellhom jitqiesu bhala fatti pruvati. Lanqas per parentesi ma jaghmlu ebda riferiment ghall-istess iz-zewg haddiema li kienu mieghu u hdejh waqt il-hin tal-incident, John Schiavone u Simon Borg rispettivament, li nonostante li t-tnejn jiddeskrivu l-istaffi tat-trukk in kwistjoni, fis-sens ta’ tlugh u nzul mill-istess vettura, ma jsemmu xejn dwar l-istat tal-istaffa, kagun ukoll tal-ilment tal-attur.

Fattur iehor li lmenta dwaru l-attur huwa li s-safety shoes moghti lilu mill-Kumpanija fl-epoka tal-incident ma kienx *oil and fuel resistant* u li din l-*ispecification* partikolari fis-safety shoes iddahhlet wara li sehh l-incident[27]. Mill-provi pero` gie muri mod iehor. Albert Cassar, Supretendent tal-Avjazzjoni fl-Enemalta[28], xehed illi ghalkemm wara l-incident tal-attur kien inbidel il-mudell tas-*safety shoes*, l-*ispecifications* ghal dak li jolqot ir-rezistenza taz-zarbun ghaz-zejt u *fuel* ma nbidlux u dan skont *technical data sheet* tas-*safety shoes* uzati anke sa minn qabel l-incident in kwistjoni. Is-*Sole Specifications* jghidu hekk: “*Sole resistance – Oil and acid resistant*[29]*”*. Ix-xhieda ta’ Albert Cassar dwar dan il-punt giet ukoll konfermata minn xhud iehor Simon Fabri, eks Kap tas-Sahha u s-Sigurta` fl-Enemalta[30]. Jirrizulta wkoll illi dawn l-i*specifications* kienu ilhom operabbli gja mis-sena 2008. Jghid

[27] Kontro-ezami ta’ Albert Cassar a fol 174
[28] Fol 174 et seq u fol 183 et seq
[29] Fol 186 Dok AC1
[30] Xhieda a fol 167

fil-fatt Albert Cassar[31], li l-informazzjoni li ngabet minghand SWIGA, is-supplier taghhom tas-*safety shoes* uzati is-19 ta' Novembru, 2008, kienet dik li kienet tidher fid-dokument AC1, li kien *updated* mit-3 ta' April, 2006. (Dok AC1).

Fin-Nota t'Osservazzjonijiet tieghu l-attur jissottometti wkoll li l-Korporazzjoni ma tiehu ebda mizura biex tnaddaf l-*area* in kwistjoni sabiex jigi evitat il-perikolu[32] u li ma ghamlet ebda manutenzjoni tat-trakk li fuqu kien qieghed jahdem l-attur fil-hin tal-incident. Ghal darb'ohra jinghad li dan id-diskors m'huwa sorrett minn ebda prova.

Ma' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tinnota wkoll li l-attur kien ilu snin twal jahdem bhala *aviation tradesman* mal-Korporazzjoni[33] u allura huwa tenut li xoghlu kien jafu sewwa u kien jaf ukoll xi prekawzjonijiet ragjonevoli huwa kellu jiehu fil-kors tal-hidma tieghu fuq il-lant tax-xoghol. Barra minn hekk ix-xoghol li kien wettaq dakinhar tal-incident l-attur, u cioe` l-qlugh ta' tapezzerija ta' trakk ma kienx xi xoghol ta' periklu jew ta' xi portata kbira u huwa stess ammetta li kien gieli ghamlu drabi ohra u kien jaf x'ghandu jaghmel[34]. Il-fatt ghalhekk li f'dak il-hin partikolari rrizulta li ma kienx hemm supervizjoni specifika fuqu u fuq il-kollegi tieghu ma timmanifestax ruhha bhala xi nuqqas serju da parti tal-Korporazzjoni konvenuta. Dan pero` wkoll huwa lment li l-attur jamplifika fuqu fin-nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti hawn tiehu ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt li kien l-istess attur li jammetti li kien nehha l-*handle* tal-bieba u oltre hekk kien dejjem assistit minn siehbu John Schiavone waqt dan ix-xoghol ta' tapezzar.

Dwar il-livell ta' supervizzjoni mehtiega u t-tip taghha, issir referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells et**, deciza fil-15/11/04 fejn intqal:

"*Is-supervizjoni li evidentement l-ewwel Onorabbli Qorti kellha f'mohha u li min ihaddem kellu obbligu li jipprovdi, certament ma kienetx tat-tip kif spjegat*

---

[31] Xhieda a fol 185
[32] Fol 202
[33] Sa mill-1998 – fol 149
[34] Kontro-ezami tal-attur a fol 149

*fl-aggravju msemmi tas-socjeta appellant. Is-sentenza appellatata kienet qeghda tirreferi ghall-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xoghol jinzamm dejjem u kemm ic-cirkostanzi jippermettu safe, b'mod li dak l-ambjent bl-ebda mod m'ghandu jkun konducenti, anke potenzjalment, ghall-incidenti li jpoggu fil-perikolu l-hajja jew is-sahha tal-haddiema."*

Dwar l-istess tematika ta' supervizjoni, pero` b'interpretazzjoni ta' obbligutal-istess b'mod aktar personali nsibu li fid-decizjoni fl-ismijiet **Spiteri vs G.S.C. Ltd.** suriferita nghad:

*"Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, x'ħin inqala' l-incident, l-attur u Brincat ma kienux taħt sorveljanza ta' xi superjur tagħhom. Huwa minnu li, fil-għamla ta' xogħol li l-attur kien jitqabbad jagħmel (jigifieri l-garr tal-materjal biex jitqiegħed fil-post), generalment ma kien ikun hemm l-ebda sorveljanza, minħabba li l-attur kien "espert" f'dak it-tip ta' xogħol u kien ilu s-snin jagħmlu waħdu u b'rajh f'idejh. Jidher li l-attur kien jagħmel dan ix-xogħol ukoll sa minn żmien qabel daħal jaħdem ma' GSC. Hemm ukoll il-fatt li, sakemm GSC kienet għadha tagħmel xogħlijiet fl-aluminju, kienet tħaddem għadd ckejken ta' impjegati f'dik il-fergħa ta' xogħol. Għalkemm* f'dan ir-*rigward, wieħed jistenna li fejn azjenda jkollha għadd żgħir ta' ħaddiema s*-sorveljanza *jmissha tkun aktar b'reqqa u personali fuq il-ħaddiema tagħha, jigri wkoll li fejn xogħol "ta' rutina" jitwettaq barra minn ħaddiema li jkunu midħla tiegħu, il-grad ta' sorveljanza jonqos, l-aktar fejn il-ħaddiem li jkun ikollu aktar esperjenza u jkun iżjed ta' sengħa mill-principal tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tqis in-nuqqas ta' preżenza fiżika ta' superjur mibgħut min-naħa ta' GSC bħala ksur ta' obbligu tagħha fir-rigward tal-attur;*"

Bla dubju dawn iz-zewg decizjonijiet appena citati jaghtu zewg aspetti differenti tat-tip ta' supervizzjoni mehtiega fuq il-lant tax-xoghol ai termini tal-artikolu 6(3) tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xoghol (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta). Hija l-fehma ta' din il-Qorti li in linea maghhom ma ssibx lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghal dan in-nuqqas in kwantu kif gja inghad l-attur kien ben familjari ma xogholu, kien ben akkumpanjat u lanqas kien qed jaghmel xi xoghol li per se kien jinvolvi xi

perikolu prevedibbli. Oltre hekk jirrizulta li l-EneMalta kellha fi hdanha impjegati li kienu responsabbli mis-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, li kienu min-naha taghhom jaghmlu dawk is-supervizjonijiet necessarji biex tigi assigurata l-inkolumita` tal-haddiema.

Huwa pacifiku li l-attur kien liebes is-*safety shoes* ukoll[35]. Dwar it-trakk li kien qieghed jahdem fuqu l-attur, ghalkemm ma gie esibit ebda ritratt tieghu jidher, mid-deskrizzjoni moghtija mill-attur[36] u haddiema ta' mieghu u anke mir-rapprezentant tal-Enemalta Albert Cassar[37], li kien ta' certu gholi. Il-partijiet jaqblu li dan it-trakk kellu *handle* fuq in-naha tax-xellug u iehor fuq in-naha tal-lemin – wiehed fiss mal-kabina u iehor li jintuza biex tinfetah jew tinghalaq il-bieba tal-kabina minnu. L-attur[38] u kollegi tieghu[39] jghidu li biex titla' fit-trakk trid izzomm mal-*handle* u l-ewwel trid titla' l-ewwel staffa li hija mwahhla mat-trakk u mbaghad titla' z-zewg staffi ohra. Li hu zgur ghalhekk huwa li ghalkemm it-trakk kien mghammar b'aktar minn staffa wahda biex jiffacilita t-tlugh u l-inzul dan naturalment kien jirrikjedi wkoll certa prudenza u attenzjoni minn min ikun qieghed jitla' jew jinzel. Terga' tfakkar il-Qorti li l-attur jixhed li kien hu stess li qala' l-*handle* tal-bieba tat-trakk sabiex ikun jista' jaqla' t-tapezzerija mit-trakk. Il-Qorti tqis ghalhekk li kien jinkombi fuq l-attur - li kien konsapevoli tal-fatt li kien hemm il-*handle* nieqes minn mal-bieba - li joqghod ferm aktar attent huwa u niezel.

Il-Qorti tfakkar li huwa min jallega li jrid jipprova. Fil-kaz fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et[40]** deciza fis-26 ta` Settembru 2013 din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:
*"… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid*

[35] Affidavit tal-attur a fol 42
[36] Affidavit tal-attur a fol 41
[37] A fol 173
[38] Fol 41
[39] Affidavit ta'Simon Borg a fol 74 u Affidavit ta' John Schiavone a fol 76
[40] Cit Nru 2590/1999

*jagħmel ġudizzju.*

*.....*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).”*

Fid-dawl tas-suespost u mill-assjem tal-provi mressqa l-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment, anke fuq bazi ta’ probabilita`, li l-kawza prossima taz-zelqa tal-attur minn fuq it-trakk kienet bi htija jew nuqqas tal-Korporazzjoni konvenuta u dan anke ghar-ragunijiet oltre li ser jigu spjegati aktar ’l isfel. Il-Qorti tqis ghalhekk li c-cirkustanzi u l-provi kif emergew fil-kors tal-kawza jippuntaw lejn nuqqas ta’ diligenza u prudenza ezercitata da parti tal-attur huwa u niezel mit-trakk bil-konsegwenza li huwa zelaq u wegga’ idu. L-attur certament kellu jkun aktar attent ghall-azzjonijiet tieghu la kien jaf li kien hemm handle nieqes mill-bieba tat-trakk u ghalhekk kellu juza l-prudenza ta’ *bonus paterfamilias* u jevita manuvri azzardati li setghu jipperikolaw il-manuvra tieghu. La l-attur u lanqas hadd mix-xhieda okulari ma xehdu li huwa u niezel mit-trakk ipprova jiehu xi prekawzjoni partikolari biex jevita li jwegga’ bhal per ezempju jzomm ma’ xi parti ohra tal-bieba jew kabina, **ghalkemm spicca mdendel maghha**. L-attur ghalhekk fic-cirkustanzi ma jista’ jlum lil hadd hlief lilu nnifsu u ghan-nuqqas t’attenzjoni ragjonevoli da parti tieghu fl-akkadut.

Il-Qorti sejra issa tevalwa l-pozizzjoni tal-konvenuta fid-dawl tal-obbligi taghha naxxenti mid-dispozizzjonijiet tal-ligi citati. Intwera li l-Enemalta timpjega ufficjali specifikatament biex kontinwament jassikuraw l-infurzar tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol. Manuel Magro, *Health and Safety Enforcement Officer* jghid li[41]-

*"Bhala health and safety enforcement officer (HSEO) xoghli kien li ta' kuljum jien kont nassigura u nara illi r-regoli tas-sahha u s-sigurta' kienu qed jigu mplimentati min-naha tal-Enemalta kif ukoll min-naha tal-impjegat."*

Din fiha nnifisha hija gja tip ta' supervizzjoni kif spjegata fid-decizjoni surriferita **Cini vs Wells.**

Xhud iehor Charles Micallef, rapprezentant tal-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, ikkonferma wkoll li l-Korporazzjoni konvenuta ghandha "bosta *risk assessments*" ghalkemm ma specifikax liema[42].

Manuel Magro jghid li l-Enemalta regolarment torganizza stharrig ta' tipi differenti dwar in-necessita` li l-post tax-xoghol ikun sikur[43]. Dan kollu gie konfermat minn *health and safety officer* iehor gewwa l-Enemalta – Jesmond Agius[44] - min-naha tieghu Simon Fabri[45], Kap tat-Taqsima tas-Sahha u s-Sigurta` fl-Enemalta zied ukoll li l-Korporazzjoni taghti tahrig lill-impjegati taghha dwar l-apparat ghas-sahha u s-sigurta` li jkun mehtieg jintlibes gewwa Centru apposta. L-ghoti regolari tat-tahrig lill-haddiema gie konfermat ukoll mis-Supretendent tal-Avjazzjoni fl-Enemalta, Albert Cassar[46].

Dwar l-ghoti tal-apparat mehtieg ghax-xoghol inkluz is-*safety shoes*, Simon Fabri kompla jghid[47] li l-procedura tal-Korporazzjoni hija li tohrog tender bl-*ispecifications* rikjesti, liema *specifications* huma skont l-i*standards* tal-Unjoni

[41] Affidavit a fol 152
[42] Fol 135
[43] Fol 152
[44] Affidavit a fol 157
[45] Fol 166 et seq
[46] Fol 172
[47] Fol 166

Ewropea. It-*tender* jinghata ghall-ahjar apparat li jikkwalifika ghal dan. Albert Cassar[48] izid li jekk xi impjegat jilmenta dwar xi *safety shoes* jew apparat iehor, dan l-ilment jigi nvestigat u trattat skont il-kaz. Jekk zarbun jew apparat iehor jitqatta' jew jizviluppa xi nuqqas dan jinbidel. Irrizulta li l-attur kien inghata *safety shoes* gdid xi xhur qabel l-incident – fl-20 t'Ottubru 2009[49] - u qabel l-incident huwa ma kien ghamel ebda lment mal-Korporazzjoni dwaru[50]. Huwa minnu dak li jghid l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu[51] li l-attur kien inghata *safety shoes* gdid fi zmien qasir wara l-incident u cioe` fil-11 ta' Novembru 2010[52] izda dan ftit li xejn jaghmel differenza tenut kont li gie muri li s-*safety shoes* kollha kemm qabel u kemm wara l-incident kienu rezistenti ghaz-zejt u l-actu. Apparti dan il-perjodu li fih l-attur inghata s-*safety shoes* f'Novembru 2010 huwa *circa* sena wara l-ghoti tas-*safety shoes* ta' qabel u cioe` fit-*time frame* li fih bhala prassi[53] kien jinbidel *safety shoes* ta' mpjegat diment li ma jkunx tqatta' jew gratlu xi hsara ohra qabel. Ghal kull buon fini jigi nnutat ukoll li ghalkemm m'hemm ebda data li turi xi tibdil tas-*safety* shoes tal-attur fis-sena 2011, hemm spazju ta' sena wkoll fl-ghoti tas-*safety shoes* fl-2012 u l-2013 u cioe' 8 t'Ottubru 2012 u 24 ta' Settembru 2013. Ma jirrizulta ghalhekk xejn partikolarment suspettuz jew dubjuz fl-ghoti ta' *safety shoes* lill-attur xahrejn wara l-incident in kwistjoni.

Il-Qorti tinnota wkoll il-kontenut tal-*Accident Investigation Report*[54] li gie mhejji miz-zewg ufficjali ghas-Sahha u s-Sigurta` Manuel Magro u Jesmond Agius, liema rapport kien gie approvat mill-Kap tas-Sahha u s-Sigurta` fl-Enemalta. Dan ir-rapport jikkonferma li l-attur kien liebes l-ilbies kollu protettiv mehtieg. Kien ikun ferm ahjar fil-fehma tal-Qorti li kieku din l-investigazzjoni saret f'perjodu aktar vicin lejn id-data tal-incident u mhux aktar minn gimghatejn wara, pero` ma jistax ma jinghatax piz – anke ghax ma giex pruvat mod iehor – lill-kumment tal-investigaturi li:

*"No hazards or irregularities were noticed within the bowser cabin throughout the investigation."*

---

[48] Fol 172
[49] Fol 183
[50] Fol 172
[51] Fol 202
[52] Xhieda Albert Cassar a fol 183
[53] Kif konfermat minn Albert Cassar a fol 173
[54] Fol 155 et seq

u l-konkluzjoni ahharija taghhom li:
*"Investigation reveals that there were* *no* *reported defects that somehow contributed this injury to occur."*

Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet tal-investigazzjoni nterna kif ukoll ta' dak li rrizulta mill-bqija tal-provi l-Qorti wkoll ma tqisx li l-Enemalta kisret id-dispozizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar id-Dritt Minimu ta'** ***Leave Specjali*** (S.L. 452.01) stante li l-attur ma kienx jikkwalifika ghall-leave ta' korriment kif definit f'dawn ir-regolamenti.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li gharblet il-provi kollha mressqa, tqis li l-Korporazzjoni konvenuta pprovvdiet ambjent tax-xoghol ragjonevolment sikur u hija agixxiet korrettement fil-parametri ta' dak mistenni minnha bhala *employer* skont il-ligi u ma giet ippruvata ebda lezjoni ta' dawn l-obbligi minnha. Il-kawza tal-incident in kwistjoni ma tistax tigi attribwita ghal nuqqas da parti tal-Korporazzjoni konvenuta li tipprovdi ambjent sikur li fih l-attur kien qieghed jahdem izda ghan-negligenza tal-attur li f'manuvra semplici ta' nzul minn trakk ma hax dawk il-prekawzjonijiet li impjegat ragjonevolment huwa mistenni li jiehu waqt tali manuvra bil-konsegwenza li spicca zelaq u wegga'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta u tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**